IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU G 17**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tnejn 17 ta' Frar 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatur |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |

**1.00 *Quarterly Financial Statements* (*Oct – Dec*)**

1.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Ottubru – Diċembru 2013. Minn dan ir-rapport irriżulta li l-indikatur finanzjarju għat-tliet xhur kien ta' - 5.17%. *Quarterly Financial Statements* (Ottubru - Diċembru)

Kien innotat li l-Kunsill ħareġ €86,307 aktar mid-dħul kif ukoll kellu €92,159 f'*commitments* oħra.

1.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7.15 pm



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

## 2.00 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* għas-sena 2013

2.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab lill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja sabiex jagħti spjega tal-*unaudited financial statements* għas-sena 2013.

Approvazzjoni tal-*unaudited financial statements* għas-sena 2013

2.02 Is-Sindku Charles Azzopardi irringrazzja lill-*accountant* tal-ispjega dettaljata li ta fuq *unaudited financial statements.*

Is-Sindku ppropona li l-*unaudited financial statements* għas-sena 2013 jiġu approvati kif ippreżentati. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. L-*unaudited financial statements* għas-sena 2013 ġew approvati. Kopja ta' dawn l-*unaudited financial statements* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 11 ta' Marzu 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**